# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/252

**tat-13 ta' Frar 2015**

**li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom, li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati f'dak li għandu x'jaqsam mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja**

*(notifikata bid-dokument C(2015) 714)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8 tagħha, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tagħha, l-Artikolu 8(4) tagħha u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([2]) tistipula r-regoli tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minn ġol-Unjoni u l-ħażna fiha ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati ("il-prodotti").

(2) Il-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tiddeskrivi ż-żoni tal-pajjiżi terzi li minnhom huwa ristrett id-dħul fl-Unjoni tal-prodotti minħabba raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, u li għalihom tiġi applikata r-reġjonalizzazzjoni. Il-Parti 2 ta' dak l-Anness tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni tal-prodotti, jekk kemm-il darba l-prodotti jkun sarilhom it-trattament rilevanti, kif stipulat fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.

(3) L-Istati Uniti huma elenkati fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala pajjiż awtorizzat, fost l-oħrajn, biex idaħħal fl-Unjoni prodotti miksuba mit-tjur, mit-tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet (għajr l-għasafar li ma jtirux), mill-għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u l-għasafar tal-kaċċa slavaġ, li jkun sarilhom trattament mhux speċifiku kif stipulat fil-Parti 4 ta' dak l-Anness ("it-trattament A"), bil-kundizzjoni li l-laħam li minnu l-prodotti jkunu ġew immanifatturati jkun konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal-laħam frisk inkluż l-oriġini tiegħu minn pajjiż terz jew minn partijiet minnu li huma ħielsa mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI), kif previst fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

(4) Ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti ([3]) jipprevedi li jkun hemm rikonoxximent reċiproku ta' malajr tal-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni fil-każ li jfaqqa' ċertu mard fl-Unjoni jew fl-Istati Uniti ("il-Ftehim").

(5) Fl-Istati Uniti ġiet ikkonfermata tifqigħa tas-sottotip H5N8 tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) fi stabbiliment tat-tjur fil-kontea ta' Douglas fl-Istat ta' Oregon u tifqigħa tas-sottotip H5N2 tal-HPAI fl-Istat ta' Washington.

(6) It-trattament A mhuwiex biżżejjed biex jelimina r-riskji għas-saħħa tal-annimali marbuta mad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti miksuba minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet (għajr l-għasafar li ma jtirux), għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa slavaġ li jkunu ġejjin mill-kontea ta' Douglas fl-Istat ta' Oregon u mill-Istat kollu ta' Washington, minħabba l-qagħda epidemjoloġika attwali għall-HPAI fl-Istati Uniti. Dawk il-prodotti għandu jsirilhom tal-inqas it-"trattament D", kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE ("it-trattament D"), sabiex jiġi evitati li jiddaħħal il-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

([3]) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik tal-annimali fin-negozju ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, kif approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/258/KE (ĠU L 118, 21.4.1998, p. 1).

(7) L-Istati Uniti bagħtu informazzjoni, li ġiet evalwata mill-Kummissjoni, dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat li l-vajrus tal-HPAI jkompli jixtered. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, kif ukoll tal-impenji stabbiliti fil-Ftehim u l-garanziji pprovduti mill-Istati Uniti, huwa xieraq li jiġi konkluż li r-rekwiżit li jsir it-trattament D għandu jkun biżżejjed biex ikopri r-riskji assoċjati mad-dħul fl-Unjoni tal-prodotti miksuba mil-laħam tat-tjur, mit-tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet (għajr l-għasafar li ma jtirux), mill-għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u mill-għasafar tal-kaċċa slavaġ li jkunu ġejjin mill-kontea ta' Douglas fl-Istat ta' Oregon u mill-Istat kollu ta' Washington, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tfaqqigħ attwali tal-HPAI. Għalhekk, il-Partijiet 1 u 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandhom jiġu emendati sabiex titqies dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(8) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2015.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1, l-entrata li ġejja għall-Istati Uniti għandha tiddaħħal bejn l-entrata għar-Russja u l-entrata għall-Afrika t'Isfel:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "L-Istati Uniti | US | 01/2014 | Il-pajjiż kollu |
| | US-1 | 01/2014 | Iż-żona kollha tal-Istati Uniti minbarra t-territorju US-2 |
| | US-2 | 01/2014 | Iż-żona tal-Istati Uniti li tikkorrispondi għall-kontea ta' Douglas fl-Istat ta' Oregon u għat-territorju kollu tal-Istat ta' Washington" |

(2) Fil-Parti 2, l- entrata għall-Istati Uniti għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "US | L-Istati Uniti US | A | A | A | A | XXX | XXX | A | A | A | XXX | A | XXX | XXX |
| | L-Istati Uniti US-1 | A | A | A | A | A | A | A | A | A | XXX | A | A | XXX |
| | L-Istati Uniti US-2 | A | A | A | A | D | D | A | A | A | XXX | A | D | XXX" |